MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru. 1276/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**MICHAEL ANGELO ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Michael Angelo Zammit ta’ 54 sena, bin John u Lourdes nee’ Cassar, mwieled Pieta’ nhar l- 1 ta’ Jannar 1957, residenti 42, Ang Joyce, Triq Karmenu Ciantar, Mqabba u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 38757M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fil- lejl ta' bejn it- 2 u t- 3 ta' Novembru 2009 gewwa Misrah Sant' Iermu, Valletta ikkommetta serq ta' skips ta' valur li jeccedi €232.94 izda ma jeccedix il- valur ta' €2329.37 liema serq huwa aggravate bil- valur u bil- hin ghad- detriment ta' Anthony Zammit detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 320761M u dan bi ksur tal- Artikoli 261 (c) (f), 267 u 270 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu fil-qosor s-segwenti:

Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Novembru 2009, l-imputat ra tlitt "skips" tal-iskart f' Misrah Sant' Iermu, il-Belt, u seraqhom, minghajr wisq raguni ta' xejn. Ghalkemm jidher li gew nieqsa tlieta, l-imputat ammetta li seraq tnejn. Qabel ma nqrat din il-kawza, l-imputat lahaq hallas lil Anthony Zammit ghal Express Skip Services l-ekwivalenti fi flus ta' zewg "skips" ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-istess kumpanija. In vista li sar il-hlas tal-valur taghhom, u in vista tal-ammissjoni bikrija u tal-fedina penali relattivament decenti, il-Qorti ma tarax li ghandha taghti piena ta' prigunerija f'dan il-kaz, izda ghandha taghti provvediment taht id-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l- Artikoli 261 (c) (f), 267 u 270 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------